



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1186/2008, imressqa minn Mariello Cao (ta' nazzjonalità Taljana), bi 43 firma, dwar xogħlijiet li qed isiru bħala tħejjija għal-laqgħa tal-G8 f'La Maddalena f'Sardinja (Italja)**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għax-xogħlijiet li qiegħdin isiru f'La Maddalena f'Sardinja bħala tħejjija għas-samit tal-G8 skedat għas-sajf tal-2009. Huwa jsostni li d-Direttivi 97/11/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent u 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali qiegħdin jinkisru. Huwa jirreferi wkoll għal-livelli għolja ta' rajdjuattività f'din iż-żona, fejn qabel kien hemm bażi navali tal-Istati Uniti. Barra minn hekk, l-arċipelagu La Maddalena huwa sit ta' interess għall-Komunità (id-Direttiva 92/43/KEE). Waqt li jirreferi għal mistqosijiet imressqa mill-Membri tal-PE Taljani (pereżempju E-2198/08), il-petizzjonant jitlob li jibdew proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 226 tat-Trattat UE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-12 Frar 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-7 ta' Lulju 2009.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonanti jirreferu għax-xogħlijiet li qiegħdin isiru f'La Maddalena f'Sardinja bħala tħejjija għas-samit tal-G8 skedat għas-sajf tal-2009.

Il-petizzjonanti jirreferu għad-digriet maħruġ mill-President tal-Kunsill tal-Ministri nru. 3663

tad-19 Marzu 2008 li, qed ikun allegat, qed jikser il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-impatt ambjentali (id-Direttiva 85/337/KEE¹ dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, id-Direttiva tal-"EIA") u dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (id-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE²). Huma jirreferu wkoll għall-fatt li La Maddalena hija Sit ta' Importanza għall-Komunità mħares mid-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa³, u jitolbu lill-Kummissjoni biex tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Italja skont l-Art. 226 tat-Trattat KE.

Il-petizzjonanti ressqu l-istess talba lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, li rrispondiethom direttament fid-9 ta' Diċembru 2008.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Wara li rċeviet ilment dwar ir-reġim leġiżlattiv issimplifikat stabbilit mill-Ordinanza msemija mill-petizzjonanti, fl-2008, il-Kummissjoni nediet investigazzjonijiet dwar il-kwistjoni. L-Ordinanza tapplika kemm għax-xogħlijiet relatati mas-sammit tal-G8 fl-La Maddalena, u kemm għax-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-150 anniversarju tal-Unità Taljana. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, dawn tal-aħħar se jibqgħu għaddejnin sal-2011.

Sar skambju ta' komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Taljani, u t-test oriġinali tal-Ordinanza kien emendat. Madankollu, anki wara l-emendi, l-Ordinanza kompliet tippermetti li x-xogħlijiet ta' bini jibdedu qabel il-konklużjoni tal-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali (EIA). Dan mhux f'konformità mad-Direttiva 85/337/KEE. Għalhekk, fid-19 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li toħroġ Opinjoni Motivata kontra l-Italja skont l-Artikolu 226 tat-Trattat. Bħalissa hija mistennija risposta mill-Gvern Taljan.

Ta' min jinnota li l-Opinjoni Motivata msemija hawn fuq hija marbuta biss mal-ksur tad-Direttiva 85/337/KEE. Rigward id-Direttivi 2003/4/KE u 92/43/KEE, mhu possibli li jkun identifikat l-ebda ksur fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli. B'mod partikolari, is-sempliċi fatt li xogħlijiet huma ppjanati jew qiegħdin isiru, fl-erja ta' sit innominat skont id-Direttiva 92/43/KEE, ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ksur tal-liġi tal-Komunità. Dawn il-konklużjonijiet diġà kienu trasmessi lill-petizzjonanti fir-risposti mibgħuta mis-servizzi tal-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2008.

Fuq l-allegazzjoni ta' livelli għolja ta' radjuattività fiż-żona fejn qabel kien hemm bażi navali tal-Istati Uniti, skont it-Titolu II, Kapitolu 3 tat-Trattat Euratom u l-leġiżlazzjoni sekondarja, l-Istati Membri jridu jiżguraw il-ħarsien tas-saħħa tal-popolazzjoni tagħhom kontra l-perikli ta' radjazzjoni jonizzanti, u dan jinkludi l-monitoraġġ tal-livelli ta' radjuattività fl-ambjent.

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, 29/06/96, p.1), fl-Artikolu 53 tagħha titratta sitwazzjonijiet

¹ ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26

² ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40

³ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7

li jwasslu għal esposizzjoni li ddum li tirriżulta mill-effetti ta' wara ta' emerġenza radjoloġika jew "prattika tal-passat". F'dawn il-każijiet, id-direttiva msemmija tobbliga lill-Istati Membri biex jaġixxu, billi jiżguraw li l-erja kkonċernata tiġi ddemarkata; immoniterjata għall-esposizzjoni; isir intervent xieraq skont il-karatteristiċi tas-sitwazzjoni; u li l-aċċess għal jew l-użu ta' xi art jew bini li jinsab fiż-żona demarkata jkun irregolat.

Il-Kummissjoni mhix fil-pussess ta' provi assolutament ċari li l-livelli ta' radjuattività fl-La Maddalena jimplikaw espożizzjoni eċċessiva kontinwa attwali fiż-żona msemmija mill-petizzjonanti.

Konklużjoni

Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat Euratom u l-leġiżlazzjoni sekondarja.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet infurmat dwar l-iżviluppi fil-proċedura ta' ksur skont it-Trattat KE msemmija hawn fuq.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Fit-23 ta' Marzu 2009, fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' ksur 2008/4372, il-Kummissjoni bagħtet lill-Italja Opinjoni Raġunata għall-ksur tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva dwar l-Evalwazzjoni Strateġika tal-Ambjent, 85/337/KEE¹. L-Italja wieġbet fit-28 ta' April 2009, u kkomunikat li l-Artikolu 8(9) tal-Ordinanza tad-19 ta' Marzu 2008 kien revokat mill-Ordinanza nru 3756 tal-15 ta' April 2009. Il-Kummissjoni iddeċidiet li tagħlaq il-każ fit-8 ta' Ottubru 2009, peress li n-nuqqasijiet ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali ġew solvuti.

¹ ĠU L 175, 5.7.1985, p.40;